MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 774/2006

**Avviz Numru 774/06VGD**

Maltacom plc (C22334)

Vs

Concetta Psaila (Id. 559742M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li fih is-socjeta attrici tablet il-hlas minghand il-konvenuta tas-somma ta’ hames mija, tnejn u erbghin lira Maltin u disa u sittin centezmi (Lm542.69c), in konnessjoni ma servizz telefoniku bin-numru 21897467, skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenuta li baqghet

inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta bil-preskrizzjoni kwinkjennali ai termini ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili, u illi bla pregudizzju, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici hija esagerata.

Sema x-xhieda ta' Paul Busuttil prodott mis-socjeta' attrici.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha li gew esebiti.

**Ikkunsidra.**

Illi l-kawza odjerna gietipprezentata mis-socjeta' attrici fil-25 ta' Awissu tas-sena 2006.

Illi kif jirrizulta mid-Dokument 'A' pprezentat mal-Avviz, u mid-Dok. 'PB2', u anki kif kkonfermat fix-xhieda ta' Paul Busuttil, li huwa Principal fil-Credit Control Department tas-socjeta' attrici, l-konvenuta kienet ghamlet zewg pagamenti akkont tal-kont tat-telefon taghha fil-5 ta' Settembru 2003 u fis-6 ta' Novembru 2003.

Illi di piu, kif jirrizulta mid-Dokument PB1, u kif anki kkonfermat fix-xhieda ta' l-istess Paul Busuttil, fil-5 ta' Awissu tas-sena 2002, il-konvenuta kienet iffirmat ftehim mas-socjeta' attrici sabiex thallas l-ammont dovut minnha permezz ta' pagamenti mensili ta' himistax il-lira Maltin (Lm15) l-wahda, tul medda ta' 36 xahar..

Ghalhekk huwa ovvju illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta bl-ebda mod ma treggi, ghaliex kien hemm mhux biss pagament akkont izda anki ammissjoni formali da parti  tal-konvenuta fir-rigward tal-ammont minnha dovut, u ghalhekk il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' hames snin altru milli gie interrott.

Illi l-konvenuta naqset li tipproduci kwalsiasi prova da parti taghha, anki fir-rigward tat-tieni eccezzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddediedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta’ hames mija, tnejn u erbghin lira Maltin u disa u sittin centezmi (Lm542.69c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------